TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 34/19/B

Theresa u Claire Spiteri
Vs
Kurt u Raymond Micallef - Triple A

Illum, 2 Marzu, 2020

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fis-26 ta' Marzu 2019

Ra r-risposta tal-intimata datata 18 t' April 2019

Ra l-Atti tal-process u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semgha ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz mressaq quddiem dan it-Tribunal r-rikorrenti qed titlob hlas fl-ammont ta' € 620 rapprezentanti l-prezz mhallas ghall-washing machine mixtrija minghand l-intimati li mhu xqed tahdem korrettament peress li qed tqatta l-hwejjeg.

Illi fir-risposta taghha, l-intimata cahdet it-talba tar-rikorrenti u dan peress illi meta ghamlu l-verifiki taghhom l-washing machine kienet qed tahdem kif mistenni.

Illi r-rikorrenti xehdet bil-gurament fejn spjegat illi hija xtrat 2 washing machines minghand l-intimati Wahda ghaliha u ohra ghal bintha. Hija tghiod illi l-washing machine bdiet tqattala l-hwejjeg taghha filwaqt li tat-tifla kienet qed tahdem korrettamet. Spjegat illi hija kelmet lill-intimat illi sahansitra bidlu t-tank tal-washing machine pero' din baqghet bl-istess problema.

Illi l-initmat Raymond Micallef xehed quddiem it-Tribunal illi wara l-ilment tar-rikorrenti huma ghamlu l-verifiki fuq l-istess washing machine tant ill kienu hadu l-washing machine l-istore u kienet hadmet korrettament tant illi huma stess ghamlu hasla u l-hwejjeg ma tqattawx. Illi l-intimat spejga illi huma biddlu anke it-tank sabiex ikunu certi. Illi finalment ghax-xhud jekk il-magna tal-hasil tqatta l-hewjjeg din ghandha tqattahom dejjem.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi fi ftit kliem il-pendenza bejn il-partijiet titratta dwar jekk il-magna tal-hasil hix wahda diffettuza jew le.

Illi l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li: *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah''*. Inoltra l-Artikolu 559 tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi: *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib";*

Illi jinghad illi t-Tribunal huwa rinfaccat b'zewg verzjonijiet li huma kompletament kontrastanti. Illi minn naha r-rikorrenti tghid illi minkejja l-ilment li Ghamlet mal-intimati u minkejja illi t-tank gie mibdul xorta wahda qed tispicca b'magna tal-hasil li qed tqatta l-hwejjeg taghha. Minn naha l-ohra l-intimati jsostnu illi meta ppruvaw il-magna din ma qattatx il-hwejjeg u ghalhekk huwa rizultat illi l-magna mhux difettuza.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi r-rikorrenti xtrat zewg (2) magni tal-hasil, dik li zammett hija stess u l-ohra li qed tuza bintha. Illi dawn il-magni huma identici u dan kif jidher mill-ircevuta annessa mal-Avviz promutur. Illi r-rikrorenti ghalhekk tista' tikkompara magna ma ohra tant illi hija tghid illi l-hwejjeg qed tahsilhomla t-tifla taghha ossija bl-istess magna li hija identitika ghal taghha u li nxtraw filmkien. Ghalhekk huwa car illi l-magna tal-hasil tar-rikorrenti mhux qed tahdem korrettament u dan peress li qed tqatta l-hwejjeg filwaqt l-magna l-ohra (dik li hadet it-tifla tar-rikorrenti) qed tahdem tajjeb.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti giet ippruvata u dan peress illi jidher mill-provi illi l-magna tal-hasil hija difettuza u minkejja illi l-intimati pruvaw jirrangawha billi bidlu t-tank din ghadha xorta wahda difettuza.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq spejgati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, billi jilqa' it-talba tar-rikorrenti jikkundanna lill-intimati sabiex jibdlu l-magna tal-hasil tar-rikorrenti jew fin-nuqqas li jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mija u ghoxrin Euro (€ 6200) b'dana pero l-intimati jkollhom d-dritt wara l-hlas li jergaw jigbru l-magna tal-hasil in kwistjoni.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Avv. Paul Borg
Arbitru